# Is-Sena u d-dawrien tad-Dinja max-Xemx

## BISESTIL

Ġulju Cesare bil-ħidma ta' l-astronomu Soriġene, fis-sena 45 Q.K. qejjes u sejjes tûl is-sena fuq id-dawrien tad-dinja ma tûl id-dawra tax-xemx u qatagħha li hi ta' 365 jum u 6 sigħat. Amar għalhekk, li s-sena mexxejja għandha tkun ta' 365 jum u kull 4 snin, jiżdied jum fix-xahar ta' Frar. B'hekk jiġu magħduda s-6 sigħat ta' fuq it-365 jum tas-sena.

B'din iż-żjieda Frar igħodd 29 jum, u s-sena tissejjaħ bisestil.

Biex wieħed iżomm bil-ħeffa, liema sena taħbat bisestil, idaħħal l-għadd 4 fiha, u dik li jidħol fiha bid-dumis, bla ma jħalli fdal, dik tkun sena bisestil. Niftiehmu: is-snin

1600, 1604, 1624, 2000, u hekk nibqgħu sejrin 2400, 2880, 3200 u oħrajn, jidħol fihom bla ma jiħalli fdal l-għadd 4, mela fihom taħbat is-sena bisestil.

Dan. il-qies tad-dawrien tad-dinja max-xemx, mis-sena 45 Q.K., baqa' sejjer sas-sena 1582 W.K., iżda Papa Ġirgor XIII waqqfu; għaliex sab li d-dinja biex tagħmel id-dawra tagħha max-xemx, tieħu 365 jum, 5 sigħat, 48 minuta u 46 dqiqa; jiġifieri, 11-il-minuta u 14-il-sekonda inqas milli stabbilixxa Ġulju Cesare: u dan il-frak ta' żmien sal-1627 jintela' 13-il-jum, u sal-1582 inġabru għaxart ijiem (10): u dan il-għelt sewwieh il-Papa Ġirgor XIII.

Għalhekk dan il-Papa, għamel tiswira ġdida ta' żmien; u amar illi l-għada– il-Ħamis, l-4 ta' Ottubru 1582, id-data tkun u tiġi mħarsa, il-Ġimgħa 15 ta' Ottubru ta' l-istess sena (1582) u sabiex għalli ġej ebda farka ta' tûl ta' żmien ma jkun hemm bejn il-għadd tal-jiem, fuq dawn is-sisien, matûl is-sena, u d-dawrin tad-dinja max-xemx, qata' wkoll, illi kull 400 sena, ma jintgħaddux iżjed mitt sena bisestil bħal qabel, matûl l-amar ta' Ġ Cesare; iżda 97; jiġifieri 3 snin anqas: u tiżdied sena bisestili, ngħidu aħna, barranija. Kull 3963 sena: biex hekk jista' joqtol dawk il-frakijiet ta' żmien, li matûl 3963 sena, jinġemgħu 24 siegħa.

Dan is-sies ta' xejra ta' żmien, hekk imsejjaħ *"riforma gregoriana"*, ġie milqugħ minn Franza bejn l-għaxra u l-għoxrin ta' Diċembru ta' dik is-sena li ġie fiha mxandar (1582) fl-artijiet Kattoliċi tal-Ġermanja sentejn wara, jiġifieri fl-1584.

Il-Protestanti għall-ewwel ħasbuha li jixraq iżjed ma jaqblux mal-qies tad-dawrien tad-dinja max-xemx, milli jmejlu rashom lejn amar il-Papa; u ma ħaddnuhx.

Il-Ġermanja ħaddnet din ir-riforma fl-artijiet kollha tagħha mid-dsatax ta' Frar sal-ewwel ta' Marzu 1600; u bejn it-tlieta u l-erbatax ta' Settembru 1752 laqgħetu wkoll l-Ingilterra.

Ir-Russja baqgħet timxi fuq l-almanakk Ġuljan bi 13-il-sena warajna.

R. M. B.